**PROPOSTI DWAR DISTRIBUZZJONI TA' ĦADDIEMA MAL-KUNSILLI LOKALI/REĠJUNI**

Dawn il-proposti huma ibbażati fuq il-prinċipju li kemm il-ħaddiema ta' RSSL kif ukoll dawk ta' CWSEF ikunu amalgamati fi grupp wieħed għal fini ta' distribuzzjoni mal-Kunsilli Lokali/Reġjuni.

Skond l-informazzjoni miġbura jidher li ħaddiema mal-Kunsilli Lokali hemm 90 ta' RSSL, li 12 minnhom qedgħin mar-Reġjuni. Filwaqt li ħaddiema ta' RSSL mal-Kunsilli Lokali Għawdxin hemm 7. U hemm 5 ħaddiema oħra mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Ħaddiema ta' CWSEF hemm 226 (63 minn dawn il-ħaddiema qegħdin assenjati mal-Kunsilli Lokali f'Għawdex), li flimkien mal-ħaddiema ta' RSSL iġibu total ta' 328 ħaddiem.

Tabella 1: Numru ta' Kunsilli Lokali skond in-numru ta' kunsillieri

Kunsilli Lokali f'Malta hawn:

B'5 kunsillieri hemm – 25

B'7 kunsillieri hemm – 10

B'9 kunsillieri hemm – 13

Bi 11-il kunsillier hemm – 3

Bi 13-il kunsillier hemm – 3

Qiegħed jiġi suġġerit li:

Kunsilli Lokali b'5 kunsillieri jkollom 3 ħaddiema

B'7 kunsillieri jkollom 4 ħaddiema

B'9 kunsillieri jkollom 5 ħaddiema

Bi 11-il kunsillier ikollom 6 ħaddiema

Bi 13-il kunsillier ikollom 7 ħaddiema

Jekk dawn il-proposti jiġu aċċettati jkun ifisser li minn dawn it-328 ħaddiem, skond il-proposta t'hawn fuq 219 ħaddiem jiġu assenjati mal-Kunsilli Lokali f'Malta. Il-bqija [22 ħaddiem = 109(328-219) – 12 (Reġjuni) – 7 (RSSL Għawdex) – 5 (DLG) – 63 (CWSEF Għawdex)] jistgħu jiġu assenjati mar-Reġjuni.

Din il-proposta għandha l-ħsieb li ddaħħal iktar ugwaljanza f'dik li hija distribuzzjoni tal-ħaddiema mal-Kunsilli Lokali biex titneħħa d-diskrepanza li teżisti fid-distribuzzjoni ta' l-istess ħaddiema mal-Kunsilli Lokali. Jeżistu każijiet fejn Kunsilli Lokali żgħar għandhom ħafna iktar ħaddiema minn Kunsilli Lokali li huma ħafna ikbar fid-daqs u ovvjament huma ikbar anke fin-numru ta' kunsillieri. 14 il-Kunsill Lokali f'Malta m'għandhom l-ebda ħaddiem tas-CWSEF. Naħsbu li d-distribuzzjoni tal-ħaddiema skond in-numru ta' kunsillieri hija iktar ekwa u ġusta.

Qed jigi propost ukoll illi l-Kunsilli Lokali ghandhom jaċċertaw illi l-haddiema assenjati lilhom ikollhom programm ta' xogħolijiet b' gimgħa bil-quddiem. Dawk il-Kunsilli Lokali illi jonqsu milli jagħmlu dan, ma jipretendux li jkollhom l-allokazzjoni tal-ħaddiema. Dawn il-ħaddiema qed jiswew 'il Pajjiz iktar minn 3 miljun ewro fis-sena u jridu jagħmlu s-siegħat tagħhom.

Dawk il-Kunsilli li jkollhom bzonn haddiema addizzjonali ma' dawk assenjati lilhom, qed jigi propost li jridu jaghmlu talba formali lir-reġjun rispettiv, akkumpanjata minn rapport dettaljat tax-xogħol li se jsir u time frame li fih ser jitwettaq. Dan sabiex tiġi ġustifikata t-talba, Minn naħa tiegħu, ir-Reġjun irid jara' li jqassam il-ħaddiema skont l-urġenza tat-talbiet li jkollu u abbazi tas-sosstenibbilta' tal-proġett / xogħol li jrid jitwettaq.

L-istess struttura trid thares li bl-ebda mod ma xxekkel l-izvilupp tal-ħaddiema fl-avvanz li jistgħu jagħmlu fil-karriera tagħhom u min juri impenn u ħeġġa li jrid javvanza, għandu jiġi nkoraġġut li jagħmel dan, anki b' mezzi finanzjarji. Biex nagħti ezempju; jekk ħaddiem qed jagħmel xogħol manwali f' kunsill lokali u tinħass il-ħtieġa għal impjegat bħala works manager u dan juri li kapaċi jagħmel dan ix-xogħol, għandu jiġi kkonsidrat biex ikun jista' javvanza. F' cirkostanzi bħal dawn, il-Kunsill Lokali għandu joħroġ id-differenza tas-salarju skont il-grad li jkun se jahdem fih.

Għal dan il-għan, ser tkun qed issir laqgħa apposta mas-Segretarju Parlamentari, Silvio Parnis, Id-Direttur Ġenerali, id-Direttur tad-Dipartiment għal Gvern Lokali u rapprezentatni tal-ħaddiema flimkien ma' rapprezentati tal-Jobs+, sabiex jiġi strutturat aħjar qafas li fih nistgħu naħdmu flimkien.

Għaldaqstant, qed tiġi mistiedna sabiex tibgħatu l-kummenti tagħkom sal-25 t' Awwissu 2017, sabiex jiġu mħejjija l-proposti uffiċċjali tal-Assoċjazzjoni f' dan il-qasam

Grazzi u tislijiet

Mario Fava

President

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

Dokument imħejji minn;

Sur Paul Farrugia – Viċi President Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

Sur Mark Grech – Membru Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

Sur Mario Fava – President Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali